MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KEVIN MOMPALAO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Talba Numru. 19/2012

Korporazzjoni Enemalta
Vs
Piju Attard

**It-Tribunal**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-korporazzjoni attrici talbet illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lilha s-somma ta' disgha mija u wiehed u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€951.84) rapprezentanti danni kagunati minnu f'taghmir tal-korporazzjoni attrici nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Awwissu tas-sena elfejn u disgha (2009) fi Triq Widnet il-Bahar, Xewkija, Ghawdex. Dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tad-danni.

Ra d-digriet tieghu tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet appuntata ghas-seduta tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012).

Ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi d-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda bil-gurament u ra t-traskrizzjonijiet ta' l-istess xhieda.

Ra d-digriet tieghu tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) li permezz tieghu din il-kawza giet diferita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra.

Illi f'din il-kawza l-konvenut Piju Attard la prezenta risposta fi zmien li trid il-ligi u lanqas deher biex jikkontesta t-talba. Wara l-appuntament tal-kawza fit-tlettax (13) ta' Gunju elfejn u tnax (2012) f'liema seduta t-tribunal sema x-xhieda tal-korporazzjoni attrici, t-tribunal iddeferixxa din il-kawza ghas-sentenza in difett ta' ostakolu sabiex f'kaz illi seta' kien hemm xi raguni valida li pprekludiet lill-konvenut Piju Attard milli jopponi din it-talba, huwa jkollu zmien ragonevoli biex jaghmel dan izda xorta sad-data ta' din is-sentenza, l-konvenut baqa' ma ghamel xejn biex jopponi t-talba attrici.

It-Tribunal sema' x-xhieda ta' l-inginier Josephine Vella, dik ta' Pierre Cauchi u dik ta' Anglu Buttigieg, it-tlieta li huma jkunu haddiema tal-korporazzjoni attrici fejn jirrizulta illi minkejja illi l-haddiema tal-korporazzjoni attrici mmarkaw fit-triq il-postijiet fejn kienu ghaddejjin il-cables ta' l-elettriku, l-konvenut kien negligenti u waqt ix-xoghol tieghu qata' dawn il-cables bil-hsara ghall-korporazzjoni attrici.

Il-Korporazzjoni attrici kkonfermat permezz ta' dawn ix-xhieda u bid-dokumenti esebiti d-danni minnha sofferti li jirrizultaw spjegati b'mod dettaljat minnha esebit a fol. tnax (12) tal-process.

Fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet moghtija mill-korporazzjoni Enemalta u fin-nuqqas ta' oppozizzjoni min naha tal-konvenut, it-tribunal ihoss illi t-talba attrici hija wahda pruvata u timmerita li tigi akkolta.

Dwar it-talba ghall-imghaxijiet, dan it-tribunal ma jarax illi dawn ghandhom jibdew jiddekorru mid-data li fiha saru l-hsarat izda legalment ghandhom jiddekorru mid-data ta' l-ittra ufficjali esebita a fol. numru erba (4) tal-process cioe' mit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011).

Ghaldaqstant it-tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet tal-korporazzjoni attrici, jikkundanna lill-konvenut ihallas lilha s-somma ta' disgha mija u wiehed u hamsin ewro u erbgha u tmenin centezmu (€951.84) bl-imghaxijiet dekorribbli mit-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011). L-ispejjez kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-tletin (30) ta' Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011) ikunu a' karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------